PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

**2013/2077 (INI)**

17.10.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar l-idoneità Regolatorja tal-UE, Sussidjarjetà u Proporzjonalità - id-19-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-sena 2011 (2013/2077(INI))

Rapporteur: Morten Messerschmidt

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-Kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jindika li, filwaqt li l-kriżi ekonomika u dik finanzjarja jeħtieġu koordinazzjoni mtejba ta' politiki u tisħiħ tas-setgħat tal-Unjoni f'għadd ta' ambiti, hu essenzjali wkoll li jinżamm fehim ċar tat-tqassim tal-kompetenzi fis-sistema ta' governanza fuq diversi livelli tal-Unjoni Ewropea u, wara dibattitu trasparenti, li jittieħdu deċiżjonijiet b'mod trasparenti fil-livell l-iktar xieraq, bit-tnaqqis tal-burokrazija;

2. Jenfasizza li l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jirrispettaw il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità mnaqqxin fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 2, li għandhom natura ġenerali, li jorbtu lill-istituzzjoniiet fl-eżerċizzju tas-setgħat tal-Unjoni bl-eċċezzjoni li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax f'dawk l-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni;

3. Jissuġġerixxi li jiġi valutat il-fatt jekk għandhomx jiġu stabbiliti kriterji xierqa, fil-livell tal-UE, għall-evalwazzjoni tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

4. Jinnota li l-Protokoll Nru 2 jagħti l-opportunità formali lill-parlamenti nazzjonali li jagħtu konsulenza lil-leġiżlatura tal-UE dwar jekk abbozz ta' liġi ġdid jgħaddix mill-prova tas-sussidjarjetà li bis-saħħa tiegħu l-objettivi tiegħu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni pjuttost milli fil-livell tal-Istati Membri;

5. Jinnota l-importanza kruċjali tal-valutazzjonijiet tal-impatt bħala strumenti li jgħinu fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċess leġiżlattiv u jenfasizza l-ħtieġa, f'dan il-kuntest, li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà u mal-proporzjonalità;

6. Jilqa' l-parteċipazzjoni aktar stretta tal-parlamenti nazzjonali fil-qafas tal-proċess leġiżlattiv Ewropew u jinnota li l-parlamenti tal-Istati Membri qegħdin juru interess saħansitra ikbar fl-applikazzjoni xierqa ta' dawn il-prinċipji mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dan jidher mill-fatt li fl-2011 il-Parlament Ewropew irċieva 77 opinjoni motivata fejn ġie ddikjarat li abbozz ta' att leġiżlattiv ma kkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u 523 kontribut ieħor dwar il-mertu ta' abbozz ta' liġi, billi ċ-ċifri rispettivi għall-2010 kienu 41 u 299; jesprimi d-disponibilità tiegħu li jkompli u jsaħħaħ il-kooperazzjoni u d-djalogu interparlamentari mal-parlamenti nazzjonali;

7. Jissottolinja bil-qawwa l-importanza tal-iskrutinju parlamentari, kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-parlamenti nazzjonali; jirrakkomanda li l-parlamenti nazzjonali jingħataw assistenza sostanzjali biex jitħallew jaqdu l-kompiti ta' skrutinju tagħhom; jissuġġerixxi li l-parlamenti nazzjonali jingħataw linji gwida biex jgħinuhom fil-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

8. Jenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 263 TFUE, hija kompetenti sabiex

teżamina l-legalità tal-atti leġiżlattivi, fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u li dan il-prinċipju jikkostitwixxi linja gwida politika dwar l-eżerċizzju tas-setgħat fil-livell tal-Unjoni;

9. Jindika, min-naħa l-oħra, li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, bis-saħħa tat-Trattati, għandha l-ġurisdizzjoni f'azzjonijiet imressqa abbażi ta' 'ksur tat-Trattati jew ta' kwalunkwe stat tad-dritt marbut mal-applikazzjoni tagħhom', u li skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità jappartjenu għal dawn ir-regoli; jinnota li r-rieżami ġudizzjarju tal-validità ta' atti tal-Unjoni, għalhekk, ma jestendix għall-konformità ma' dawn il-prinċipji;

10. Jenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Mejju 2011 fil-kawża C-176/09 Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tafferma li l-prinċipju tal-proporzjonalità "jeżiġi li l-miżuri implimentati permezz ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandhom ikunu kapaċi li jilħqu l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni kkonċernata u ma jmorrux ultra vires minn dak li huwa meħtieġ sabiex jilħqu dan" u li "f'oqsma fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa normattiva wiesgħa" l-legalità ta' miżura adottata f'dan il-kuntest tista' tiġi affettwata biss jekk il-miżura ma tkunx xierqa b'mod ċar fir-rigward tal-objettiv li qed jippruvaw isegwu l-istituzzjonijiet kompetenti, minkejja li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu, madankollu, "jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi' u, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-restrizzjonijiet marbuta mal-miżuri differenti possibbli, jeżamina 'jekk l-għanijiet imfittxija mill-miżura magħżula humiex ta' natura li tiġġustifika l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki kunsiderevoli għal ċerti operaturi";

11. Josserva li l-prinċipju tas-sussidjarjetà kif inhu formulat fit-Trattati jippermetti l-azzjoni tal-Unjoni fl-oqsma li ma jaqgħux fil-kompetenza esklużiva tagħha biss "jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni prevista, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni", filwaqt li, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, is-sustanza u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni m'għandhiex taqbeż dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi tat-Trattat; jindika li s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma marbutin mill-qrib ma' xulxin iżda distinti: filwaqt li l-ewwel jirrigwarda kemm hi xierqa l-azzjoni tal-Unjoni fl-oqsma li mhumiex ta' kompetenza esklużiva tagħha, dan tal-aħħar jirrigwarda l-proporzjonalità bejn il-mezzi stabbiliti mil-leġiżlatur u l-finijiet imfittxija minnu u taħdem bħala regola ġenerali fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni; ifakkar għalhekk li l-eżami tal-proporzjonalità ta' abbozz ta' att leġiżlattiv isegwi loġikament dak tas-sussidjarjetà, iżda l-kontroll tas-sussidjarjetà ma jkunx biżżejjed effikaċi mingħajr kontroll tal-proporzionalità;

12. Josserva li l-Kummissjoni rċeviet biss għadd żgħir ta' mistoqsijiet parlamentari (32 minn iktar minn 12 000) fl-2011 dwar kwistjonijiet marbuta mal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

13. Jenfasizza l-fatt li fl-2011 il-Kummissjoni rċeviet 64 opinjoni motivata fi ħdan it-tifsira tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, li tirrappreżenta żieda konsiderevoli meta mqabbel mal-2010; jikkonstata, madankollu, li dawn l-64 opinjoni motivata rrappreżentaw 10 % tat-total ta' 622 opinjoni

trażmessi lill-Kummissjoni mingħand il-parlamenti nazzjonali fl-2011 fil-qafas tad-djalogu politiku kkonċernat; jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li l-ebda mill-proposti tal-Kummissjoni ma rċeviet għadd suffiċjenti ta' opinjonijiet motivati biex jirriżulta fi 'proċeduri tal-karta safra jew oranġjo' taħt il-Protokoll; jikkonstata iżda li fit-22 ta' Mejju 2012 ingħatat għall-ewwel darba "karta safra" għal proposta tal-Kummissjoni (proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz, l-hekk imsejħa proposta għal Regolament "Monti II"); jissottolinja li l-Kummissjoni rtirat il-proposta mhux għax qieset li kisret il-prinċipju tas-sussidjarjetà, iżda għax indunat li l-proposta diffiċilment setgħet ikollha, fi ħdan il-Parlament u l-Kunsill, sostenn politiku neċessarju għall-finijiet tal-adozzjoni tagħha;

14. Iqis li l-mekkaniżmu ta' kontroll tal-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jitfassal u jintuża bħala strument importanti ta' kollaborazzjoni bejn istituzzjonijiet Ewropej u istituzzjonijiet nazzjonali; jinnota b'sodisfazzjon li dan l-istrument jintuża fil-prattika bħala mezz ta' komunikazzjoni u djalogu ta' kooperazzjoni fost id-diversi livelli istituzzjonali tas-sistema Ewropea b'livelli multipli;

15. Jikkonstata bi tħassib li ċerti opinjonijiet motivati mill-parlamenti nazzjonali jenfasizzaw il-fatt li, f'numru ta' proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni, il-ġustifikazzjoni tas-sussidjarjetà hija insuffiċjenti jew lanqas biss teżisti;

16. Jirrakkomanda li jiġu eżaminati r-raġunijiet għaliex jitressaq għadd tant żgħir ta' opinjonijiet formali u motivati mingħand il-parlamenti nazzjonali u jiġi ddeterminat jekk dan huwiex dovut għall-fatt li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa osservat min-naħat kollha, jew għall-fatt li l-parlamenti nazzjonali mhumiex kapaċi jeżegwixxu dan il-prinċipju minħabba nuqqas ta' riżorsi jew skadenzi qosra wisq; jikkunsidra li analiżi mill-Kummissjoni hija mixtieqa;

17. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet Ewropej jagħmluha possibbli għall-parlamenti nazzjonali li jeżaminaw il-proposti leġiżlattivi billi jiżguraw li l-Kummissjoni tforni bażi dettaljata u komprensiva għad-deċiżjonijiet leġiżlattivi tagħha dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

18. Jinnota wkoll f'dan ir-rigward li l-perjodu attwali li fih il-parlamenti nazzjonali jagħmlu l-kontrolli fuq is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità spiss ġie kkunsidrat insuffiċjenti;

19. Jenfasizza l-fatt li l-istituzzjonijiet Ewropej huma responsabbli milli jiggarantixxu li l-leġiżlazzjoni tkun ċara, tinftiehem faċilment u ma tpoġġix piż amministrattiv bla bżonn fuq iċ-ċittadini u l-impriżi;

20. Iqis li, fil-kuntest ta' żieda tal-leġittimità demokratika, il-mekkaniżmu ta' twissija bikrija għandu jiġi sottopost għal riflessjoni attenta.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 14.10.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alfredo Antoniozzi, Andrew Henry William Brons, Zdravka Bušić, Carlo Casini, Andrew Duff, Ashley Fox, Roberto Gualtieri, Zita Gurmai, Gerald Häfner, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, Morten Messerschmidt, Sandra Petrović Jakovina, Paulo Rangel, Algirdas Saudargas, Søren Bo Søndergaard, Rafał Trzaskowski, Luis Yáñez-Barnuevo García |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Elmar Brok, David Campbell Bannerman, Dimitrios Droutsas, Isabelle Durant, Andrej Plenković |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Edward McMillan-Scott, Catherine Trautmann |